

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Dwar Il-fallimenti U L-insolvenza](#) > [Portugal](#)

## Reġistri dwar il-fallimenti u l-insolvenza

Il-kontenut ipprovdut minn Portugal

Portugall



Din il-paġna tipprovdi introduzzjoni qasira għar-reġistru ta' insolvenza Portugiż.

### X'jinkludi r-reġistru ta' insolvenza?

Ir-reġistru ta' insolvenza elettroniku jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

- In-numru tal-każ tal-insolvenza
- L-identifikazzjoni tal-qorti fejn kien jew ikun qiegħed jinstema' l-każ ta' insolvenza
- L-identifikazzjoni tal-persuna insolventi
- L-identifikazzjoni tal-amministratur għall-insolvenza
- Il-limitu taż-żmien għall-preżentazzjoni tat-talbiet
- Id-data li fiha kienet iddikjarata l-insolvenza

Ir-reġistru elettroniku jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-każijiet ta' insolvenza (ara *hawn taħt*).

### Hemm xi ħlas għall-konsultazzjoni tar-reġistru ta' insolvenza Portugiż?

Le, il-konsultazzjoni tar-reġistru ta' insolvenza hija mingħajr ħlas.

### Leġiżlazzjoni dwar ir-reġistru ta' insolvenza

Ir-reġistru ta' insolvenza Portugiż huwa regolat bl-Artikolu 38 tal-*Código da Insolvência e da Recuperação de Empresas* ([Kodiċi tal-Insolvenza u tal-Irkupru Korporattiv](#)), adottat bid-Digriet Amministrattiv Nru 53/2004 tat-18 ta' Marzu 2004, kif emendat.

L-aħħar aġġornament: 27/05/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.